



Brussell, 12 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0227 (COD)

---

---

10432/26  
ADD 1

LIMITE

CADREFIN 281	COEST 471
POLGEN 162	COLAC 87
RELEX 815	COTRA 50
ACP 60	COWEB 86
DEVGEN 100	MAMA 145
COHOM 87	MOG 120
COHAFA 51	PTOM 27
COAFR 178	ELARG 103
COASI 105	GLOBAL GATEWAY 41

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi Ewropa Globali  
- *Approċċ ġenerali parzjali*  
- *Dikjarazzjoni mill-Bulgarija*

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni mill-Bulgarija li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill.

**DIKJARAZZJONI**  
**mir-Repubblika tal-Bulgarija**  
**dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi**  
**"Ewropa Globali"**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa, u ser jibqa', iddedikat fl-impenn tiegħu għad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-istess ħin, u mingħajr preġudizzju għall-appoġġ tagħha għat-test ta' kompromess tal-Approċċ Ġenerali Parzjali, il-Bulgarija ttenni l-pożizzjoni nazzjonali tagħha rigward xi elementi, inklużi fir-Regolament propost li jistabbilixxi "Ewropa Globali":

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Kwalunkwe referenza għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) mhux ser tkun applikabbli fir-rigward tar-Repubblika tal-Bulgarija f'konformità mas-Sentenza Nru 13/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali. Għall-istess raġunijiet, il-Bulgarija tafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar il-Pjan ta' Azzjoni Globali tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u għat-Tiżni tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Azzjoni Esterna (GAP III) u ma tqisx lilha nnifisha marbuta bl-applikazzjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija taċċetta li t-terminu "ġeneru" ("пол") jirreferi għaż-żewġ sessi bijoloġikament definiti "raġel/mara".